Minuti tal-laqgħa numru wieħed u għoxrin (21) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR)li nżammet fil-26 ta' Awwissu, 2020 fis-6.10pm fi 30 & 34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku (on-line) |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier (on-line) |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Assenti: | Dr Karl Muscat | Kunsillier |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-membri qalu t-talba flimkien.

21.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġiji** — Talba

Ma kienx hemm

21.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru għoxrin (20)** — Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru għoxrin kienu kkoreġġuti u emendati kif jidher fuq il-kopja oroġinali u approvati unanimament wara li tressqu għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mis-Sra Doris Coleiro.

**Punti mill-Minuti**

21.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi x-xogħlijiet fuq il-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ issa kważi tlesta għal kollox u minflok il-*cubicle* fejn kien hemm il-katusa miżduda, se ssir *nappy changing room*. Is- Sindku, is-Sur Sandro Craus, qal illi issa se titnaddaf il-faċċata u se jitneħħa l-ħajt diviżorju mil-parapett. Issemmiet lampa tad-dawl tat-toroq biswit, li kienet tinqata' ta' spiss biex din tinbidel u se nagħmlu laqgħa mas-Sur Paul Borg li se jkun qed jieħu ħsieb il-latrina bl-istess kundizzjonijiet li saru mas-Sur Stephen Bugeja biex qed tinżamm b'mod sodisfaċenti dik ta' Triq Santa Rita. — Latrina Pubblika ta' Triq il-Kulleġġ

21.02.02 It-Tender tal-binja tal-Kunsill issa qiegħed pubblikat bħal dak tal-ġbir tal-iskart (re-publication) u se naħdmu fuq tar-*resurfacing* bil-*hot asphalt* u l-bankini b'materjal differenti mil-konkos. — Tender tal-Binja tal-Kunsill

21.02.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi qed jaħdem biex tingħata t-tarmak Triq Lawrenti mil-Gvern Ċentrali, minkejja li fiha xi postijiet li huma dojoq ħafna. Madankollu din tista' wkoll tkun daħla alternattiva għar-Rabat. Hu qal illi jidher li għad iridu jgħaddu s-servizzi minnha tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. — Triq Lawrenti

21.02.04 Is-Sur Chris Farrugia semma' t-talba li kien għamel biex jinbidlu partijiet tal-bankini li preżentement huma bil-konkos f'p*aving blocks* f'Tal-Virtu bħal kumplament tat-toroq f'dawn l-inħawi, filwaqt li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hemm ukoll xi toroq fiz-zona turistika tar-Rabat viċin u wara l-ħanut *Golden Harvest* fi Triq San Pawl li wkoll jinħtiġilhom li ssirilhom manutenzjoni. — Manutenzjoni ta' bankini

21.02.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus stqarr li hu kuntent bis-servizzi l-ġodda tal-knis tat-toroq fiz-zona urbana mil-kuntrattur Waste Collection Ltd. Hu qal illi t-titjib f'dan is-servizz jinħass mar-Rabat kollu. — Servizz tal-Knis tat-toroq

21.02.06 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' x-xogħlijiet li qed isiru mil-Gvern Ċentrali fi Triq ta' Saura fejn kienet sfrundat it-triq. Hu qal illi f'din il-parti tat-triq twaħħlu dawk l-imsejħa piles bħalma wkoll qed ikunu mwaħħla fi Triq Għeriexem jew aħjar taħt ir-riħ ta' din it-triq. — Triq Saura u Triq GBO

21.02.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, semma' l-*Community Policing* u rrefera għal-laqgħa li nżammet fil-Muniċipju tal-Imtarfa fil-25 ta' Awwissu propjament mas-Sindki tal-komunita' kollha li fiha se jkun qed jitħaddem dan is-servizz. Hawn issemma' li diġa' sar xogħol importanti biex tneħħew vetturi mitluqa fit-toroq u wkoll qed naħdmu fuq il-*fly tipping* fil-kampanja. Se naraw li dawn il-pulizija jkollhom karozza tal-kiri ffinanzjata mil-lokalitajiet u jinxtraw żewġ roti jaħdmu bil-batterija.

Community Policing

21.02.08 Issemma' wkoll iz-zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl li wkoll qed isir mil-Gvern Ċentrali. Hawn intqal illi kien hemm progress fix-xogħol wara li kien waqaf minħabba diffikultajiet fejn kienet daħlet is-Sovratendenza Patrimonju Kulturali minħabba żewġ gandotti biswit il-ħitan dekorattivi tal-istess zuntier. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-*works method statement* li sar biex ikun hemm reviżjoni tal-livelli tal-istess gandotti u wkoll ir-restawr tal-ħajt li se jkun qed igawdi minn *archtecture lighting.*

Iz-zuntier tal-Parroċċa ta' San Pawl

21.02.09 Is-Sur Marco Scerri ta spjega dwar l-andament finanzjarju tal-Kunsill f'dak li hu bilanċ li kien hemm f'Lulju 2020. Hu qal illi rnexxielna nagħlqu b-bilanċ pożittiv ta' €22,717.00

Andament Finanzjarju

21.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 30 u Ċedola tal-pagamenti numru 311**

Kienu approvati u ffirmati skont kif murija fuq id-dokumenti oriġinali l-*Works Order* 30 u ċ-ċedola tal-pagamenti numru 311.

Ċedola tal-pagamenti u Works Orders

21.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

21.04.01 Is-Sur Ian Vassallo qal illi waqt ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-appartament B ta' Għajn Qajjet, ir-residenti qed jilmentaw li l-kuntrattur mhux jagħmel ilqugħ fejn ikun qed jaħdem waqt li qed jonvja l-faċċati u qed itajjar ħafna trab. Esebixxa filmat waqt il-laqgħa li bagħatulu l-istess residenti.

Inkonvenjent bit-trab

21.04.02 Chris Farrugia ilmenta mill-arbli tad-dawl bil-linji tal-Enemalta plc li għandhom ħafna sadid u jistgħu jaqgħu u joħolqu ħafna periklu. Dawn se jerġgħu ikunu irrappurtati lill-Korporazzjoni Enemalta qabel ma nirrappurtaw lill-Ministeru.

Arbli bis-sadid f'Dar Ħanżira

21.04.03 Il-kunsillieri is-Sur Rudolph Grima u is-Sur Ian Vassallo ilmentaw minn diffikultajiet biex jaqbdu l-uffiċċju fuq it-telefon mal-uffiċċju. Hawn intqal illi peress li għandna diversi linji fil-ħin tal-*peak* tax-xogħol qed ikunu okkupati u jkun qed iċempel xi telefon ieħor u ma naqbduhx. Qed nikkunsidraw li ndaħħlu *answering machine* u l-istaff jopera fuq it-telefon b'sistema ta' *roster.*

Diffikulta' biex jaqbad il-pubbliku fuq it-telefon

21.04.04 Is-Sur Kris Grech qal illi hemm bżonn li jsiru ir-*road markings* il-ġodda fil-Pjazza tal-Baħrija. Is-SE qal illi kif jagħtuna gwardjan biex jassistihom, se jkun skedat ix-xogħol tar-*road marking,* minnufih.

Road markings fil-Baħrija

21.04.05 Is-Sur Rudolph Grima semma' l-bżonn li jinxtehel għall-ewwel darba l-ewwel fanal ta' Triq il-Kbira hekk kif tkun dieħel mis-Saqqajja. Se jkun rappurtat mill-ġdid.

Fanal ġdid mhux jixhel

21.04.06 Is-Sur Rodolph Grima semma' l-bżonn li jitħawwlu x-xtieli fil-qasrija faċċata tal-Għassa tal-Pulzija fil-Pjazza tal-Parroċċa għaliex din hija mingħajr xtieli. Din hija l-istess qasrija li kien daħal fuqha anzjan u kellna nibdluha.

Xtieli f'qasrija fil-Pjazza

21.04.07 Is-Sur Matthew Chetcuti staqsa jekk hux possibbli li l-bdiewa jibdew jieħdu l-ilma dirett mill-Għajn t'Għeriexem. Is-Sur Nazju Cassar wieġeb illi hemmhekk lanqas karozza ma tista taħsel aħseb u ara kemm se tista' tkun milqugħa din il-proposta.

Ilma mill-Għajn t'Għeriexem

21.04.08 Is-Sur Matthew Chetcuti staqsa jekk hux possibbli li jitneħħa fanal mill-ġodda li għadhom kemm jitwaħħlu f'Dar Ħanżira għaliex xi resident qed jgħidu li hemm illuminazzjoni eċċessiva u għaldaqstant m'hemmx bżonnu. F'dan il-waqt is-Sindku

Fanal f'Dar Ħanżira

qal illi f'din il-parti kien hemm ilment ieħor fejn il-kuntrattur wettaq xi ħsarat fuq faċċata ta' resident.

21.05 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tar-Restawr tan-Niċċa tal-Karmnu**
Ir-rapport għadu ma ħariġx mil-bord tal-Evalwazzjoni u għaldaqstant se jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Niċċa tal-Karmnu

21.06 **European Mobility Week 2020**
Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq żewġ applikazzjonijiet tal-*European Mobility Week*. Hu qal illi għal dik proposta permezz ta' attivita' żgħira, jkun ħela ta' ħin li ninvestu l-enerġija tagħna fuqha. Madankollu għall-applikazzjoni l-oħra, hemm opportunita' biex innaqqsu l-vetturi mit-toroq u nżidu l-*pedestrianised zone*. Hu qal illi l-ideja hija illi jkollna flotta żgħira ta' vetturi li jaħdmu bil-batterija li jkunu skedati jiġbru n-nies minn diversi siti fir-Rabat li huma meqjusa 'l bogħod, bħalma kien it-Tuk Tuk. Ix-xufiera se nkunu qed nippruvaw li nsibuhom permezz ta' skemi ta' ħaddiema li joffru per eżempju il-*Jobs Plus*. Hawn issemmiet il-laqgħa li kellhom is-Sindku, s-SE u s-Sur Marco Scerri mas-Sindku tal-Imdina u kien hemm qbil li tkun imwaħħda biex l-applikazzjoni jkollha aktar saħħa. Bħala alternattiva nistgħu nużaw ir-roti li jaħdmu bil-batterija, madankollu bihom inkunu qed neskludu l-anzjani li ma jkunux jifilħu jsuquhom.

European Mobility Week

21.07 **Jum ir-Rabat 2020**
F'Jum ir-Rabat se jsiru biss it-tqegħid ta' fjuri fuq il-monument tal-Ħaġra Prezzjuża u tleqq fil-Pjazza tal-Parroċċa u wkoll se jkun qed iżurna l-*Blood Mobile Unit* minħabba ċ-ċirkustanzi tal-Covid-19.

Jum ir-Rabat

21.08 **Awtorizzar mill-BOV biex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikollhom aċċess biex jagħmlu pagamenti bit-24 x 7 (ċekkijiet se jibda jkollhom charge ta' €1-il wieħed)**

Se jsiru l-arranġamenti mal-BOV biex is-SE iħejji l-pagamenti permezz tat-21 x 7 u s-Sindku japprovahom permezz tal-*key* tiegħu.

Pagamenti mhux biċ-ċekkijiet

21.09 **Evalwazzjoni tal-Iskemi tal-Iskart Riċiklat (Greenmt vs Greenpak)**
Il-proposti għadna qed nistennewhom għaliex għadhom ma waslux għandna.

Skart Riċiklabbli

21.10 **L-appell ta' Ġnien Bir Iljun**

Is-SE tkellem dwar l-appell tal-offerta pubblika tar-rikostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun. Hu qal illi issa qed nistennew li jagħtuna l-ġurnata u l-ħin wara li bagħtna r-*reasoned letter of reply* permezz tal-avukat tal-Kunsill, Dr Richard Sladden LLD.

Ġnien Bir Iljun

21.11 **Proposta ta' bdil ta' isem ta' Triq Santa Rita għal Triq il-Bażilika**
Inqrat l-ittra tal-Wisq Reverendu Arċipriet Louis Suban li għamel din il-proposta. Hawn intqal illi kuntrarjament għal dak li qal fl-ittra l-Arċipriet, fir-Rabat hawn devozzjoni għal Santa Rita għaliex din jagħmlulha festa fil-Knisja ta' Santu Wistin. Madankollu biex nibdlu l-isem ta' din it-triq hemm diffikulta' għall-azjendi kollha u r-residenti ta' din it-triq pjuttost twila minħabba l-inkonvenjent li jista' jinħolqilhom. Kien hemm il-proposta illi l-Pjazza tal-Parroċċa jinbidlilha isimha għal Pjazza Bażilika bħalma ġara fil-passat fi Triq Brittanja u ġiet tissejjaħ Triq ir-Repubblika. Kien deċiż li niktbu formalment lill-W R Arċipriet biex naraw x'inhuma l-veduti tiegħu dwar dan u / jew il-possibilita' li tiġi magħżula triq oħra.

Triq il-Bażilika

21.12 **Tindif addizzjonali tat-toroq fil-Baħrija (2 kenniesa darbtejn fil-ġimgħa)**
Il-proposta sabet is-sapport tal-kunsillieri kollha u se nestendu dan is-servizz għall-Baħrija wkoll permezz ta' żewġ kenniesa darbtejn fil-ġimgħa f'dan ir-raħal.

Kenniesa addizzjonali għal-Baħrija

21.13 **Applikazzjoni għal restawr tal-kappella tal-Kunċizzjoni (stima annessa)** Restawr tal-Kappella tal-Kunċizzjoni

Dwar ir-restawr tal-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Wied Gerżuma, intqal illi l-istima tal-Perit Charles Buhagiar, A & CE telgħet għal eluf ta' ewro u mhux *vale la pena* li napplikaw għal massimu ta' €15,000 biex isir ir-restawr permezz tal-applikazzjonijiet tal-Kunsill Malti għall-Arti. Għaldaqstant is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se jiltaqa' mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali bien naraw jekk inkunux nistgħu nibbenefikaw minn fondi qabel jaqa' għal isfel il-kampnar tal-istess kappella. Hu qal illi jieħu gost jinnota ir-restawr komplut fuq il-portiku tal-Kappella ta' San Bastjan ftit metri 'il bogħod minn dan il-Muniċipju filwaqt li is-Sur Chris Farrugia qal illi kappella oħra illi se tintilef jekk ma nieħdux azzjoni fil-ħin, hija dik ta' San Mikiel tas-Sanċier fi Ġnien is-Sultan.

21.14 **Permessi ta' Żvilupp PA5289/20 u PA4318/20** Permessi ta' żvilupp fil-Wied t'Għeriexem

Din il-parti tal-agenda kienet diskuss bejn is-7:10pm fi x'ħin waslu kemm il-Perit Charles Buhagiar kif ukoll l-Avukat, Dr Richard Sladden LLD u rappreżentanza tal-kmamar tan-nar tas-soċjetajiet mużikali. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-akbar tħassib hu l-aspett ambjentali u d-degradazzjoni tal-Eko Sistema u l-KLR m'hu ser jippermetti qatt l-ebda' żvilupp fil-widien. L-Avukat qal illi f'każ li joħroġ il-permess, il-każ ikun preġudikat u jkollhom bil-fors joħorġu permessi addizzjonali kif japplikaw oħrajn. Il-Perit qal illi hemm aspett ieħor importanti fir-rigward tat-traffiku, peress li kull min irid ikun ħiereġ se jsib ruħu *f'by-pass* fejn fiha jkun hemm diversi vetturi għaddejjin bi *speed* elevat. Is-Sur Rudolph Grima qal illi dan il-wied hu *buffer zone* biex ma jingħaqdux l-Imtarfa mar-Rabat u dawn jinżammu b'karatteristiċi rurali uniċi kif fil-fatt huma. Issemma' wkoll li f'din iz-zona hemm sienja tal-ilma li wkoll jinħtieġ illi tiġi restawrata biex tibqa' tfakkar lilna lkoll fl-aspett rurali storiku tar-Rabat. Is-Sur Ian Vassallo qal illi hemmhekk diġa' intefa' t-terrapiet u qisu qatt ma kien xejn għaliex ma ttieħdux passi mill-awtoritajiet biex dan jitneħħa mis-sit. Il-perit u l-avukat se jħejju l-oġġezzjoni msemmija li dwarha kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti u anke dawk il-kunsillieri li kienu *on-line.*

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi jinħtieġ illi jiġu skedati wkoll diversi djar fil-parti l-antika tar-Rabat tal-Kunvent ta' San Franġisk. Hawn issemma' l-Foss ta' San Pawl li propju fuq in-naħa l-oħra tiegħu hemm diversi għerien storiċi. Il-Perit qal illi dawn is-siti jridu jiġu *mapped* u isir dak l-imsejjaħ *Geological Report.* Kien hemm il-proposta biex nibdew billi nkellmu lis-Sovratendenza Patrimonju Kulturali u nuruhom ix-xewqa tal-Kunsill. Imbgħad nibdew il-kampanja pubbliċitarja tal-oġġezzjonijiet li għandu l-Kunsill mhux biss għall-iżvilupp tal-Wied ta' Għeriexem iżda wkoll għall-propost żvilupp bla rażan fiċ-ċentru storiku tar-Rabat biex tkun estiża z-zona kummerċjali. Dan is-suġġett kien trattat sat-7:45pm fejn anke iddebuttaw fih rappreżentanti tal-każini tal-banda peress li mis-sit tal-Wied t'Għeriexem jinħaraq in-nar tal-arju tal-festi ta' Corpus, San Pawl u San Ġużepp – arti li għandha valur intanġibbli. Skedar ta' djar fil-qalba tar-Rabat

21.15 **Punti Oħra** Punti Oħra

Is-Sur Ian Vassallo tkellem dwar il-problema tal-ilma tax-xita li dieħel minn Triq Gorg Borg Olivier għall-propjetajiet fl-inħawi tad-Dar ta' Saura u ftit 'il fuq. Il-KLM m'għandux oġġezzjoni sabiex tinqala' l-bankina u ssir mil-ġdid ġaladarba hemm indikazzjonijiet li jekk isiru dawn ix-xogħlijiet f'din t-triq arterja, ma jkunx hemm dubju li qed jidħol l-ilma fil-propjetajiet privati.

20.15 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Tmiem

Il-laqgħa intemmet fid-21.10pm u l-Kunsill se jsejjaħ il-laqgħa li jmiss nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2020 fis-6.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula mis- | Sur Anthony Bonello u approvati llum<br>Segretarju Eżekuttiv | ta' Settembru, 2020 mis- | Sur Sandro Craus<br>Sindku |